# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors kostituzzjonali numru 363/2021/1 JVC**

**Frederick Attard**

***v.***

**Direttur Ġenerali għall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali; u *Malta International Airport p.l.c.***

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fis-27 ta' April 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet it-talbiet tal-attur għal rimedju għal dak illi huwa jqis illi kien ksur (i) tal-jedd tiegħu għal-libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni imħares taħt l-art. 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 11 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"]; (ii) tal-jedd tiegħu għal ħelsien minn dis-

kriminazzjoni imħares taħt l-art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni; u (iii) tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

2. L-attur fisser hekk ir-raġunijiet li wassluh biex jiftaħ din il-kawża:

> »Huwa kien impjegat mal-gvern oriġinarjament u ġie ttrasferit mal-*Malta International Airport*. Il-*Malta International Airport plc* għalkemm kumpannija pubblika fiha sehem tal-gvern u b'direttur fuq il-bord tal-istess li jaħtru l-gvern.
>
> »Id-Direttur tax-Xogħol huwa responsabbli għall-kundizzjonijiet tal-impiegi f'Malti inklużi l-kundizzjonijiet li persuna ma titkeċċiex ingustament minn fuq ix-xogħol u kwalunkwe kwistjoni li għandha x'taqsam mal-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu regolati b'mod li tiġi osservata l-liġi ta' Malta inkluża l-Kostituzzjoni.
>
> »Il-*Malta International Airport plc* bdiet proċeduri ta' dixxiplina u ħolqot bord ta' dixxiplina skont *collective agreement* li kien sar. Il-*collective agreement* li kien sar bejn il-*GWU* u l-*UĦM* kien fis-sens li meta jiġi maħtur il-bord ikun hemm *chairman* magħżul minn *pool* li fl-aħħar mill-aħħar kien ta' tnejn minn nies u rappreżentant tal-kumpannija u rappreżentant tal-*union*. Fejn l-impjegat ma kienx membru ta' dawk il-*unions* allura huwa ma setax jaħtar rappreżentant tiegħu fuq il-bord tad-dixxiplina imma jagħżlu wieħed għalih. F'dan il-każ partikolari ntgħażel Charles Magro li bl-ebda mod ma kien tal-għażla ta' Frederick Attard għax lanqas biss kien jafu.
>
> »F'din is-sitwazzjoni l-esponenti ġie eskluż mid-drittjiet ta' *fair hearing* f'każ ta' dixxiplina u dan minħabba li t-tribunal ġie kompost minn ħaddiehor b'diskriminazzjoni kontra tiegħu skont l-artiklu 14 għaliex kieku kien f'waħda minn dawk il-*unions* kien ikollu rappreżentant tiegħu.
>
> »Fil-fatt huwa kien f'*union* iżgħar imma xorta kellu d-dritt għall-libertà t'assoċjazzjoni f'dik il-*union*. Li ġie penalizzat għax ma kienx f'waħda miż-żewġ *unions* il-kbar jikkostitwixi vjolazzjoni tad-dritt tiegħu ta' assoċjazzjoni li d-Direttur tax-Xogħol meta ġie ppreżentat bil-*collective agreement* bejn iż-żewġ *unions* u l-kumpannija ma kellu bl-ebda mod jaċċetta jew japprova li jkun hemm tali ftehim, peress li dan jivvjola d-dritt tal-libertà tal-assocjazzjoni u konsegwentement ukoll id-dritt tal-*fair hearing* u tad-diskriminazzjoni minħabba l-i*status* tal-persuna minħabba li [*sc.* ma] kien membru ta' ebda waħda mill-*unions* li ma kinetx [*recte*, li kienu] parti mill-*collective agreement*.
>
> »L-esponenti ipprova rimedji quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u anke fil-grad ta' appell però b'eżitu negattiv.
>
> »Dan ma jfissirx però li huwa m'għandux leżjoni ta' drittjiet li qed iqajjem f'din il-kawża *stante* li hija kompetenti l-Prim;Awla tal-Qorti Civili f'Sede Kostituzzjonali f'dawn il-materji.
>
> »Dan barra li l-kumpannija kienet innominat il-konsulent impjegat magħha bis-salarju li naturalment iġib iktar żbilanċ fil-kompożizzjoni

tal-bord ta' dixxiplina, u għalhekk l-anqas jista' jingħad li kien hemm tribunal imparzjali u indipendenti. Din hija materja ta' dritt ċivili li għandu jkollu protezzjoni tiegħu quddiem tribunal imparzjali u indipendenti, u fuq dan il-punt hemm is-sentenza tal-Qorti Ewropea *v.* Malta, fejn kienet involuta deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-*Public Service Commission*.

»Jiġi rilevat li meta d-direttur intimat aċċetta l-ftehim kollettiv li kien sar bejn il-*GWU* u l-*UĦM* u l-*Malta International Airport*, kien fil-fatt qed jissanzjona l-ħolqien ta' "awtorità ġudikanti" biex tiġġudika fuq id-dixxiplina ta' impjegat bil-konsegwenzi ta' terminazzjoni ta' impjieg u telfien ta' pensjoni tat-Teżor minħabba n-ness umbilikali li għad hemm bejn il-gvern u l-*MIA plc.*«.

3. Billi deherlu li dan kien bi ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, l-attur fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

»1. tiddikjara li l-proċeduri accettati mid-Direttur tax-Xoghol fil-*collective agreement* li jħalli biss lill-*unions* jinnominaw rappreżentanti anke għal dawk li mhux membri taghhom, kif ukoll b'nuqqas konsegwenti ta' trasparenza bil-ħatra taċ-*chairman* tal-bord ta' dixxiplina huma leżivi għad-drittijiet tal-esponenti skont l-artikli 42 (libertà tal-assoċjazzjoni) u l-artiklu 45 (diskriminazzjoni minħabba appartenenza) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittjiet fondamentali tal-bniedem, marbut ukoll mal-artiklu 14 tal-istess konvenzjoni, u għalhekk null u bla effett;

»2. tiddikjara li l-esponenti ma kellux *fair hearing* fil-proċeduri dixxi-plinari hawn fuq riferiti, u dan bi ksur talaArtiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk nulli u bla effett;

»3. taghti rimedju effettiv u tikkundanna lill-intimati għad-danni morali sofferti mir-rikorrenti.

»Bl-ispejjeż.«

4. Id-Direttur Ġenerali għall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali ["id-Direttur Ġenerali"] wieġeb fit-18 ta' Ġunju 2021 u resaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»… … …

»4. mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ulterjuri, jingħad li parti-kolarment b'referenza għas-sitt paragrafu tar-rikors promotur, fejn jingħad hekk: "id-Direttur tax-Xogħol meta gie preżentat bil-*collective agreement* bejn iż-żewġ *unions* u l-kumpannija ma kellu bl-ebda mod jaċċetta jew japprova li jkun hemm tali ftehim" – l-obbligu tal-esponent mhuwiex li jaċċetta jew japprova *collective agreement*. L-unika referenza li ssir fil-liġi dwar il-mansjoni tal-esponent f'dak li għandu x'jaqsam ma' ftehim kolletivi tinsab fl-artikolu 5(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta li tistabilixxi s-segwenti:

»"Meta l-kondizzjonijiet tal-impieg jiġu preskritti fi ftehim kollettiv, il-prinċipal jew il-prinċipali li jkunu parti fih għandhom fi żmien

> ħmistax-il ġurnata minn meta jiġi ffirmat dak il ftehim jibagħtu lid-Direttur kopja tiegħu awtentikata kif imiss."

»Huwa ben pacifiku li l-irwol tal-esponenti huwa dak ta' depożitarju ta' ftehimi kollettivi u mhux dak li jeżamina kull wiehed li jintbagħat mill-prinċipal u japprova l-istess … … … Isegwi li, fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti, l-esponenti qatt ma jista' titqies responsabbli għal xi danni morali li jista' jippretendi r-rikorrenti.

»5. Mingħajr preġudizzju … l-argument tiegħu li disposizzjonijiet tal-ftehim kollettiv, specifikament il-ħolqien ta' bord ta' dixxiplina, jivvjola d-dritt tal-libertà tal-assocjazzjoni u konsegwentement tal-*fair hearing* għaliex skont hu r-rikorrenti mhu membru ta' ebda *union* – ma jreġġix. … … … Il-fatt li r-rikorrenti mhuwiex membru ta' *union*(*s*) partikolari iżda xorta marbut bi ftehim kollettiv iffirmat mill-istess *union*(*s*) ma jivvjolax id-dritt tiegħu li jissieħeb ma' *union* / assocjazzjoni terza li mhux necessarjament firmatarja tal-ftehim kollettiv.

»6. … … … fil-liġi taghna ftehim kollettiv għandu sahha ta' liġi u jorbot lill-ħaddiema kollha bl-istess ftehim u jikkostitwixxi l-kundizz-jonijiet magħrufa tal-impjieg tagħhom, imqar jekk dawk il-ħaddiema ma jkunux membri fit-*trade union* magħrufa mill-prinċipal u li tkun innegoz-jat tali ftehim jew ikunu saħansitra membri f'*union* oħra.

»7. L-intimat esponenti ma għandu ebda tip ta' informazzjoni dwar il-proċeduri ta' dixxiplina li saret referenza għalihom fir-rikors promotur u għaldaqstant dwar il-fatti li taw lok għall-proċeduri ċivili trid tirrispondi għalihom is-soċjetà intimata.«

5. *Malta International Airport p.l.c.* ["*MIA*"] wieġbet fil-21 ta' Ġunju 2021 u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. Preliminarjament, *MIA* mhix leġittimu kontradittur. Ma hemm l-ebda allegazzjoni li *MIA* hi responsabbli għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Addizjonalment, it-talbiet magħmula fir-rikors promotur mhumiex indirizzati lil *MIA* u ma jirrigwardawx għemil jew azzjonijiet tal-*MIA*.

»2. Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet magħmula fir-rikors promotur ma mhumiex proponibbli fir-rigward ta' *MIA* u għaldaqstant ma jistgħux jintlaqgħu. Huwa l-istat biss li jista' jinstab responsabbli għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u għaldaqstant (fil-każ li jinstab li hemm ksur) huwa l-istat jew l-awtorità pubblika li jeħtieġ jagħmel tajjeb għal tali ksur.

»3. Preliminarjament, u mingħajr pregudizzju ukoll, il-kwistjoni dwar dritt ta' smigħ xieraq kienet ġà ġiet determinata fil-proċeduri ċivili li intavola r-rikorrent b'referenza numru 433/12 fl-ismijiet <u>Frederick Attard *v. Malta International Airport p.l.c et*</u> ("l-Ewwel Proceduri"). B'sentenza [*sc.* konfermata] fl-appell il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet biss, it-tieni talba rigwardanti s-sejbien ta' ksur taht l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għandha tiġi miċħuda l-għaliex il-kwistjoni ġà ġiet konsiderata mill-qrati ċivili.

»4. Fil-mertu, ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea. Mir-rikors promotur inniffsu jirriżulta li r-rikorrent fil-fatt kien membru f'*union* iżgħar u kellu kull dritt u opportunità li jassoċja lilu nnifsu ma' dik il-*union*. Ir-rikorrent bl-ebda mod ma ġie ppenalizzat minħabba l-fatt li hu ma kienx membru tal-*GWU* jew il-*UĦM*. Bl-ebda mod ma ġie mfixkel ir-rikorrent fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' għaqda u assoċjazzjoni pacifika kif sanċiti b'dawn id-dispożizzjonijiet legali.

»5. Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana li ftehim kollettiv huwa kuntratt validu u enforzabbli li għandu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet. Huwa daqstant ieħor paċifiku li *trade union* rikonoxxuta firmatarja ta' ftehim kollettiv ma tkunx qed torbot biss lilha nnifisha, iżda tkun qed tiffrma f'isem impjegati kollha tas-socjetà esponenti u torbot ukoll lilhom, irrispettivament minn jekk humiex membri ta' *union*, jew humiex membri ta' *union* ohra li mhix dik rikonoxxuta għall-finijiet ta' negozjar kollettiv. F'dan l-isfond, il-proċeduri ta' dixxiplina jifformaw parti integrali mill-ftehim kollettiv bejn is-socjetà esponenti u l-*unions* li (flimkien) huma rikonoxxuti għall-finijiet ta' negozjar kollettiv, liema ftehim għandu jiġi rispettat skond il-massima tal-*pacta sunt servanda*. Illum hemm anke r-Regolamenti dwar Rikonoxximent tat-*Trade Unions* (Avviż Legali 413 tal-206) li jistipula b'mod esplicitu li

> »"ġaladarba *union* tiġi rikonoxxuta bħala l-unika *union* li tista' tinnegozja fuq il-post tax-xoghol, l-ebda *union* oħra ma tista' tintervjeni fuq materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati mal-prinċipal, u, min-naħa l-oħra, ebda prinċipal ma jista' jiddiskuti xi materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati ma' *union* li mhijiex il-*union* rikonoxxuta."

»6. Fil-mertu ukoll l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistax jiġi favorevolment invokat mir-rikorrent. … … … Imkien ma jiġi allegat li r-rikorrent qed jiġi trattat b'mod diskriminatorju *ai termini* ta' artikolu 14 u l-artikolu 45 minħabba li ġie trattat b'mod differenti għal kollox jew prinċipalment minħabba d-deskrizzjoni tagħhom skont il-kwalitajiet hekk imsemmija f'dawk id-dispożizzjonijiet legali. Mingħajr preġudizzju, ir-rikorrent ma ġiex ittrattat b'mod diskriminatorju jew b'mod differenti mill-impjegati l-oħra tal-*MIA* iżda ġie ttrattat bl-istess mod li kienu jiġu trattati l-impjegati kollha tal-*MIA*.

»7. Ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif allegat mir-rikorrent.

»8. Ir-rikorrent jilmenta li l-procedura tad-dixxiplina li bdiet skont il-*collective agreement* tilledi d-dritt ta' smigħ xieraq … … …

»9. Ir-rikorrent jilmenta għalhekk dwar il-mod kif intgħażel Charles Magro fuq il-bord ta' dixxiplina u dan ghaliex ma kellux dritt ta' għażla ta' membru fuq il-bord u ma kienx jafu.

»10. Qabel xejn f'dan il-każ, hawnhekk *si tratta* ta' proċeduri ta' dixxiplina interni ta' kumpannija u mhux ta' proċeduri legali normali quddiem tribunal jew qorti. Dawn ma jistghux jitqabblu ma' xulxin. … … …

»11. Addizjonalment, anke jekk id-dritt ta smigħ xieraq kellu japplika għall-proceduri dixipplinari in kwistjoni, *MIA* tirrispondi li l-mod kif jinħatar il-bord tad-dixxipplina u l-bord tal-appell huwa regolat skont l-

artikolu 5 tal-*Procedure for the Administration of Discipline* anness mal-ftehim kollettiv. Dan jipprovdi li:

»"5.1 The Disciplinary Board, designated to hear disciplinary cases in relation to serious offences, shall be composed of three persons; the Company and the Union shall each appoint a member of their choice and the Company shall also appoint a person to act as Chairman of the Disciplinary Board.

»"5.1.1 The Chairman shall be chosen from among a pool of persons, deemed to be fit to chair the Disciplinary Board, which persons shall be agreed to from beforehand, between the Company and the Union.

»"5.2 The Appeals Board shall be composed of one person, which shall be selected by the company out of a pool of people deemed to be fit to Chair the Appeals Board. The people who may be chosen by the Company to chair the appeals Board shall be agreed to from beforehand, between the Company and the Union."

»12. Għalhekk il-kumpannija tagħżel ic-*chairman* skont din il-proċedura. Il-lista ta' persuni li jistgħu jinħatru bħala *chairman* tal-bord tad-dixxiplina kif ukoll il-bord tal-appelli huwa maqbul bil-quddiem bejn il-*unions* u l-*MIA*. Din in-nomina ta' nies li jistgħu jaġixxu bħala *chairman* issir qabel ma jibdew proċeduri dixxiplinarji partikolari u dan fl-interess tal-impjegati kollha. L-impjegat li qed jiffaċċja proċeduri tad-dixxiplina m'għandu l-ebda dritt li jagħżel hu min għandu jkun *chairman* tal-bord tal-dixxiplina jew tal-appelli. F'din il-lista' tpoġġew persuni li kemm l-*MIA* kif ukoll il-*unions* ħasbu li kienu kompetenti biex jisimgħu kwistjonijiet dixxiplinari.

»13. Finalment, u mingħajr preġudizzju, r-rikorrent lanqas ma jispjega kif l-fatt li hu ma setax jagħżel membru fuq il-bord ta' dixxiplina wassal għal ksur ta' smigħ xieraq. Lanqas jilmenta dwar kif l-istess bordijiet kienu żbaljati jew b'xi mod imparzjali [*recte*, parzjali] fid-deċiżjonijiet tagħhom. Fil-verità – anke jekk kellu japplika l-artikolu 39(2) tal-Kostituzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-proċeduri dixxiplinari in kwistjoni qatt ma lledew id-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrent. … … …

»… … …

»Frederick Attard ingħata kull opportunità sabiex jippreżenta l-każ tiegħu u li jressaq kwalunkwe prova u argument li xtaq quddiem l-istess bord. Ir-rikorrent ressaq diversi xhieda u esperti u ppreżenta anki dokumenti vasti f'numru ta' seduti. Il-mertu tal-kwistjoni u l-provi li nġiebu kienu kkunsidrati fid-dettal u għalhekk ma jista' qatt jintqal li kien hemm xi leżjoni ta' dritt ta' smigħ xieraq bil-mod li aġġxxa ruħu l-bord waqt il-proċeduri. Fil-fatt, fid-*decide* tal-Qorti tal-Appell fil-kawża <u>Frederick Attard *v. Malta International Airport p.l.c et*</u> il-qorti sabet li l-proċeduri mill-nord tad-dixxiplina u l-bord tal-appelli tmexxew b'mod tajjeb u li l-allegazzjonijiet ta' imparzjalità [*recte*, parzjalità] u nuqqas ta' indipendenza min-naħa tar-rikorrent kellhom jiġu respinti fit-totalità tagħhom.«

6. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»1. tilqa’ *in parte* l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-*Malta International Airport p.l.c.* intimat sa fejn dawn jirrelataw it-talbiet tar-rikorrent għal dikjarazzjoni ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu iżda tiċħadhom fir-rigward tat-talba għal rimedju fit-termini tat-tielet talba tar-rikorrent;

»2. tilqa’ r-raba’ eċċezzjoni tal-intimat Direttur Ġenerali fil-konfront tat-talbiet kollha tar-rikorrent;

»3. tilqa’ t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-*Malta International Airport p.l.c. stante* li jirriżulta li t-tieni talba tar-rikorrent hija *res judicata* bejn ir-rikorrent u s-soċjetà intimata;

»4. tilqa’ l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma’ dak hawn deċiż; u

»5. tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent;

»bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrent.«

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Leġittimu kontradittur:

»Fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrent kif diretti fil-konfront tas-soċjetà intimata, l-istess soċjetà teċċepixxi li mhiex il-leġittimu kontradittur *stante* li ssostni li huwa biss l-istat li jista’ jinstab ħati ta’ nuqqasijiet u/jew leżjoni fil-konfront tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kemm fit-termini tal-Kostituzzjoni u wkoll tal-Konvenzjoni. Fil-każ odjern ir-rikorrent jallega li l-istat għandu sehem fis-soċjetà intimata. Da parti tagħha s-soċjetà intimata għalkemm tammetti li l-istat għandu sehem fl-istess soċjetà tindika wkoll li hija kumpannija registrata fil-Borża ta’ Malta u ma tistax tiġi meqjusa bħala formanti parti mill-istat. Il-qorti taqbel mal-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata li ma tistax tiġi meqjusa bħala formanti parti mill-istat iżda hija entità kompletament separata. Il-qorti iżda wara li rat it-talbiet tar-rikorrent, fejn fost oħrajn qed jitlob rimedju li l-proċeduri kollha fil-konfront tiegħu jiġu dikajrati nulli, liema proċeduri ttieħdu mis-soċjetà intimata, tqis li s-soċjetà intimata hija leġittimu kontradittur biss u limitatament f’dan is-sens *stante* li f’każ li l-lanjanzi tar-rikorrenti jiġu milqugħa kollha jew *in parte*, parti mir-rimedju mitlub jinvolvi azzjonijet da parti tal-istess soċjetà intimata. Huwa biss f’dan is-sens li din il-qorti tqis li s-soċjetà intimata hija leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u ser tgħaddi sabiex tiċħad din l-eċċezzjoni iżda b’din il-limitazzjoni.

»L-ewwel talba:

»Fil-każ odjern għal dik li hija l-lanzjanza kostituzzjonali u mingħajr ma din il-qorti ma tidħol fil-mertu tal-proċeduri dixxiplinari kontra r-rikorrent, jidher li r-rikorrent fl-ewwel talba tiegħu qed jilmenta li l-proċeduri ta’ dixxiplina kif elenkati fil-paragrafu 5 tal-ftehim kollettiv applikabbli bejn ir-rikorrent u l-*MIA plc* kif allegatament aċċettati mid-diretttur intimat huma leżivi għad-drittijiet fundamentali tiegħu fit-termini tal-artikoli 41 u 42 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem marbut mal-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni relativi għad-dritt ta’ assoċjazzjoni u d-dritt kontra d-diskriminazzjoni.

»Id-direttur intimat jeċċepixxi illi mhux il-kompitu tiegħu fil-liġi li jaċċetta jew japprova ftehim kollettiv u jagħmel referenza għall-artikolu 5(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta (Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali) … … …

»… … …

»Isostni li ma hemm l-ebda referenza oħra fil-liġi dwar reġistrazzjoni ta’ ftehim kollettiv. Jenfasizza li d-direttur intimat huwa biss depożitarju tal-ftehim kollettivi u mhux il-kompitu tiegħu li jeżamina kull wieħed minnhom jew li japprova l-istess.

»Fi kwalunkwe każ il-kompitu ta’ din il-qorti fl-atti odjerni huwa sabiex f’każ *dato ma non concesso* tqis li b’xi mod legalment id-direttur intimat huwa tenut li jidħol f’analiżi tal-kontenut tal-ftehim kollettiv u b’xi mod japprova l-kontenut tal-istess, allura f’dak il-każ jekk il-proċeduri ta’ dixxiplina li qed jilmenta minnhom ir-rikorrenti hux verament leżivi tad-drittijiet fundamentali indikati.

»L-artikolu 42 (1) tal-Kostitizzjoni ta’ Malta jipprovdi:

> »“Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta’ għaqda u assoċjazzjoni paċifika, jiġifieri, id-dritt tiegħu li jingħaqad paċifikament u liberament u jassoċja ma’ persuni oħra u b’mod partikolari li jifforma jew jappartjeni lil *trade union* jew *unions* jew assoċjazzjonijiet oħra għall-protezzjomi tal-interessi tiegħu.”

»L-artikolu 11 (1) tal-Konvenzjoni jaqra:

> »“Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta’ għaqda paċifika u għal-libertà ta’ assoċjazzjoni ma’ oħrajn, inkluż id-dritt li wieħed jifforma u jiħdol fi *trade unions* għall-protezzjoni tal-interessi tiegħu.”

»Mill-atti ħareġ ċar li mhux talli r-rikorrent ma ġiex impedut milli jassoċja ruħu fil-*union* tal-għażla tiegħu talli rriżulta li hu stess kien komparteċipi sabiex ġiet iffurmata *union* bl-isem ta’ *Rampa Union* li kienet tirrap-preżenta numru ta’ impjegati tas-soċjetà intimata. Jirriżulta iżda li dan ma jagħtihiex il-jedd awtomatiku fil-liġi li tkun parti fid-diskussjonijiet u firmatarja fi ftehim kollettiv. Fil-każ odjern irriżulta li ż-żewġ *unions* l-oħra l-*GWU* u l-*UĦM* ħaddmu moħħhom u ngħaqdu sabiex, peress li flimkien kienu jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-impjegati, setgħu jipparteċipaw fid-diskussjonijiet tal-Ftehim kollettiv. Jirriżulta li l-*union* li r-rikorrent liberament kien membru tagħha dan ma għamlitux. Il-qorti ma ssib xejn leżiv tad-dritt fundamental għall-assoċjazzjoni tar-rikorrent f’dan ir-rigward; anzi pjuttost bil-kontra.

»Ir-rikorrent iżid li huwa ġie diskriminat fit-termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu tal-Konvenzjoni għar-raġuni li ma kienx membru ta’ *union* firmatarja fil-ftehim kollettiv. Il-qorti rat li l-ftehim kollettiv jipprovdi mekkanizmu dwar kif jiġu appuntati l-membri fil-bord ta’ dixxiplina u l-bord tal-appell. Dan jipprovdi li wieħed mill-membri jintgħażel mill-kumpannija u wieħed mill-*union*. Jipprovdi wkoll *a priori* liema persuni setgħu jiġu nominati sabiex jagixxu ta’ *chairman* tal-bord ta’ dixxiplina u l-bord tal-appell. Dan qabel ma jinfetaħ xi każ partikolari. Il-qorti rat li dan il-mekkaniżmu fil-ftehim kollettiv, li r-rikorrent jidher li qed iqis li għandu jiġi applikat favur tiegħu biss f’dawk il-partijiet li jrid hu u mhux fl-interità tiegħu, japplika ugwalment għall-impjegati kollha irrilevantement ta’ liema *union* huma membri; għalhekk l-impjegati f’dawn il-proċeduri huma lkoll trattati b’mod ugwali. Ta min jgħid illi kieku ma kienx jeżisti l-ftehim

kollettiv in kwistjoni r-rikorrent possibilment lanqas kien ikollu l-possibilità li jiddefendi l-każ tiegħu quddiem bord ta' dixxiplina u bord tal-appell u dan b'detriment tiegħu stess u kien ikollu jmur direttament fit-Tribunal Industrijali. Ir-rikorrent isostni li hu ma kienx jaqbel mal-persuni nominati kemm mill-kumpannija għaliex sostna li kellu kunflitt ta' interess u mill-*union* għaliex ma kienx jaf min hu u għalhekk ma jgawdix il-fiduċja tiegħu. Dwar in-nomina taċ-*chairman* ukoll sab x'jilmenta *nonostante* li l-ismijiet tagħhom jkunu miftiehma bejn il-partijiet fil-ftehim kollettiv qabel kwalunkwe każ dixxiplinari partikolari. Fl-ambitu ta' din il-lanjanza, fit-termini tal-artikolu ta' diskriminazzjoni indikati mir-rikorrenti, il-qorti ma tistax tara l-bażi fattwali tal-allegata diskriminazzjoni li qed isostni r-rikorrent. Il-qorti ma tara l-ebda diskriminazzjoni fil-fatt li persuna li tiġi aggudikata minn bord, tribunal jew qorti ma tkunx taf personalment il-persuna li tpoġġi fuq l-istess sakemm dan ikun ġie nominat fuq l-istess bord, tribunal jew qorti skont il-ftehim jew liġi aplikabbli. L-artikolu 5 tal-ftehim kollettiv jirriżulta li kien jiġi applikat b'mod ugwali għal kulħadd; għalhekk ma tirriżulta l-ebda diskriminazzjoni.

»Il-qorti iżda f'dan l-istadju terġa' lura għall-eċċezzjoni tad-direttur intimat li eċċepixxa li mhiex il-mansjoni tiegħu fil-liġi li jevalwa l-kontenut ta' ftehim kollettiv meta dan jiġi reġistrat miegħu. Minn qari tal-liġi jirriżulta ċar li dan legalment huwa minnu; għalhekk anki għal din ir-raġuni biss l-ilmenti tar-rikorrent fl-ewwel talba tiegħu ma jistgħux jiġu milqugħa *stante* li ma jirriżulta l-ebda aġir da parti tal-istat li jista' jiġi meqjus bħala li jilledi l-jeddijiet fundamentali indikati. Fi kwalunkwe każ, anki li kieku l-qorti kellha tissorvola dan l-impediment legali, fattwalment il-ftehim kollettiv in kwistjoni, almenu fil-klawżola attakkatta, ma jirriżultax li huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fit-termini tal-artikolu 42 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 11 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u għalhekk il-qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent.

»It-tieni Talba:

»Permezz tat-tieni talba tiegħu r-rikorrent isostni li fil-proċeduri dixxiplinari fil-konfront tiegħu huwa ma ngħatax smigħ xieraq bi ksur tal-artikolu 39(2) u l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Is-soċjetà intimata tqajjem l-eċċezzjoni tar-*res judicata* f'dan ir-rigward u tagħmel referenza għall-proċeduri u d-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-atti tal-każ numru 433/12/1 datata 17 ta' Marzu 2021.

»*In linea* ta' ġurisprudenza sabiex jissussisti l-ġudikat iridu jikkonkorru tliet elementi u *cioè eædem personæ*, *eadem res* u *eadem causa petendi*. … … …

»… … …

»Permezz tat-tieni talba tiegħu ir-rikorrent isostni li bil-fatt li hu ma setax personalment jagħżel il-membru fuq il-bord allura ġie vjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Huwa ampjament evidenti li dan l-ilment ġà tqajjem fil-kawża bin-numru 433/12/1, ġie debitament kunsidrat minn dik il-qorti u ġie definitivament miċħud permezz ta' deċiżjoni li llum hija *res judicata* bejn ir-rikorrent u s-soċjetà intimata. Fil-fatt fid-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell dwar l-allegata leżjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq tar-rikorrent fl-ambitu tal-istess proċeduri dixxiplinari msemmija fil-każ odjern, ġie deċiż kif isegwi:

»"36. Il-qorti tqis li din il-fehma toħroġ ukoll minn deċiżjonijiet li jirrigwardaw ilmenti ta' ksur ta' smigħ xieraq u dwar jekk il-funzjonijiet ta' bord ta' dixxiplina jkunux jaqgħu taħt l-iskrutinju li jintuża fil-każ tal-proċeduri quddiem il-qrati jew tribunali. Dwar dan, id-difensur tal-appellant għamel aċċenn sewwa fuq il-kwistjoni ta' kif, mal-medda taż-żmien, il-kriterji tal-imparzjalità u l-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq twessgħu biex jgħoddu wkoll għal proċeduri dixxiplinari rigwardanti ħaddiema jew professjonisti. Din il-qorti tqis li s-sottomissjoni tal-appellant kien ikollha siwi li kieku l-proċeduri ta' dixxiplina li tressaq taħthom ma kinux finali u konklużivi jew ma kellu l-ebda rimedju wara l-eżitu tagħhom. Imma dan ma kienx il-każ, u għalhekk, il-fatt li l-liġi kienet u għadha tagħti lil persuna suġġetta għal proċeduri dixxiplinari l-jedd li tikkontesta dawk il-proċeduri quddiem qorti jġib miegħu li bord jew korp imwaqqaf biex jeżerċita funzjonijiet dixxiplinari ma jkunx jaqa' taħt il-kejl mistenni minn qorti jew tribunal. F'dan ir-rigward ingħad li "*even where an adjudicatory body determining disputes over 'civil rights and obligations' does not comply with Article 6§1 in some respect, no violation of the Convention can be found if the proceedings before that body "are subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of article 6§1*"[1].

»37. Safejn l-aggravju tal-appellant jirrigwarda ċ-ċirkostanzi partikolari tal-appellati jew ta' wħud minnhom, b'mod partikolari fl-għoti ta' konsulenzi lil *MIA* ma' ħwejjeġ ta' xejra industrijali, l-ewwel qorti sabet li ma kien hemm xejn x'iżomm lil *MIA* milli taħtar persuna bħal dik fost il-persuni li jistgħu jidhru fuq il-bord ukoll jekk kienet konsulent tagħha. Din il-qorti tqis li bħala persuna fdata bil-funzjoni ta' aġġudikazzjoni, persuna bħall-appellati hija mistennija li mhux biss tidher iżda tabilħaqq tkun indipendenti u imparzjali fit-twettiq tal-ħatra tagħha u miftuma minn xi interess fil-mertu tal-aġġudikazzjoni. B'dan il-mod biss jista' jiġi assikurat serħan tal-moħħ tal-persuna li ser tiġi aġġudikata li l-proċess ikun wieħed għal kollox trasparenti. Il-qorti tqis ukoll li persuna tintgħażel fuq bord għaliex tkun midħla jew ikollha tagħrif fil-materja li qiegħda quddiemha. Jidher biċ-ċar li, b'xi mod jew ieħor, kull wieħed mill-appellati kien persuna midħla sewwa fil-qasam industrijali. Min-barra dan, il-ħatra tagħhom hija l-frott ta' qbil minn qabel inbeda l-każ tal-appellant mill-partijiet li ffirmaw il-ftehim kollettiv u dak dwar il-proċedura dixxiplinari. Fl-aħħarnett, il-qorti tqis li l-mod tal-ħatra tal-bord u tal-bord tal-appelli li dwarhom l-appellant jilmenta f'din il-kawża jidher li huwa l-istess mod kif inħatru l-bord u l-bord tal-appell li semgħu l-każijiet tiegħu ta' dixxiplina qabel u li l-appellant ma ilmenta bl-ebda mod minnhom f'dak iż-żmien.

»38. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi kollha, il-qorti tasal għall-fehma li lanqas dan it-tieni aggravju ma huwa mistħoqq u mhux se jintlaqa'."

»Il-ġudikat suespost jorbot kemm lir-rikorrenti kif ukoll lis-soċjetà intimata. Verament f'dawk l-atti ma kienx parti d-direttur intimat iżda dan għar-raġuni sempliċi li qatt ma kien parti f'dawk il-proċeduri ta' dixxiplina u s-sitwazzjoni għadha hekk sal-lum. Il-fatt li fil-kawża odjerna r-rikorrent għażel li jintima wkoll lid-direttur ma jrendix l-eċċezzjoni tar-*res judicata*

[1] »Q.E.D.B. 8.10.2019 fil-kawża fl-ismijiet Grace Gatt *v.* Malta (Applik. nru 46466/16) § 79«

fix-xejn altrimenti wiehed ikun qed jagħti lok għall-abbuż li sabiex jevita l-effetti tar-*res judicata* sempliċement iżid intimat fil-kawża kif jidher li seħħ fil-każ odjern.

»*Inoltre* fi kwalunkwe każ, anki fil-konfront tat-tieni talba, tapplika l-eċċezzjoni tad-direttur intimat illi mhux il-kompitu tiegħu fil-liġi li jaċċetta jew japprova ftehim kollettiv b'referenza għall-artikolu 5(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali). Il-qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' wkoll din l-eċċezzjoni tad-direttur fil-konfront tat-tieni talba tar-rikorrent.

»Salv dak suespost fir-rigward tad-direttur, *stante* li l-qorti tqis li fir-rigward ta' din it-tieni talba d-direttur ġie intimat għal xejn għaliex kemm fattwalment kif ukoll legalment ma għadu x'jaqsam xejn mal-proċeduri ta' dixxiplina in kontestazzjoni, il-qorti tqis li bejn ir-rikorrent u s-soċjetà intimata jissussistu l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tar-*res judicata* mqajma u għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess u tiċħad ukoll it-tieni talba tar-rikorrent.

»It-tielet talba:

»Fit-tielet talba r-rikorrent jitlob li l-qorti tiprovdi rimedju f'każ li tilqa' l-ewwel u / jew it-tieni talba. *In vista* li l-qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel u t-tieni talba, konsegwentement ser tgħaddi sabiex tiċħad ukoll din it-tielet talba.

»Konklużjoni:

»Mill-atti odjerni u dawk annessi l-qorti tqis li l-każ odjern kjarament huwa tentativ fjakk da parti tar-rikorrent sabiex diġà din il-Qorti Kostituzzjonali bħala qorti tat-tielet grad wara li ma ħax ir-riżultat li xtaq hu permezz tal-proċeduri 433/12/1 li huma *res judicata* u jittenta jkompli jtawwal il-proċeduri li verament jimmeritaw li jaslu għal terminazzjoni u *cioè* dawk pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali.«

8. L-attur appella b'rikors tat-18 ta' Mejju 2023. Id-Direttur Ġenerali wieġeb fl-1 ta' Ġunju 2023 u *MIA* wieġeb fis-6 ta' Ġunju 2023.

9. L-aggravji tal-appell ġew imfissra hekk:

»A. Dwar l-ewwel talba tal-libertà tal-assoċjazzjoni u d-diskriminazzjoni

»… … …

»L-argument kollu kien u għadu li l-esponenti ma kienx membru ta' waħda mill-*unions* il-kbar, *cioè* l-*GWU* u l-*UHM*, u allura l-ftehim kollettiv jorbot mhux biss il-membri tagħhom, bil-privileġġi kollha favur iż-żewġ *unions*, imma jorbtu wkoll lii dawk li m'humiex membri. Iridu jew ma jridux dawk li mhumiex membri, mingħajr għażla tagħhom, isibu li għażliet bħal ma huma l-bordijiet ta' dixxiplina jagħżlu min-nies tagħhom, u mingħajr ebda konsultazzjoni mal-individwu. Bħalma ġara f'dan il-każ.

»Dan japplika wkoll għall-istadju tal-appell fid-dixxiplina.

»Fejn ma kienx hemm diskriminazzjoni?

»Il-Konvenzjoni Ewropea titkellem fuq id-diskriminazzjoni minħabba "*minority*" u "*any other status*". Titkellem ukoll fuq "*minority status*", u dan kien *minority status*: art 14.

»Is-sentenza titkellem ukoll li l-Qorti ma setgħetx tara kif id-Direttur seta' kien legittimu kontradittur. Huwa l-organu tal-istat li suppost għandu r-responsabbilta li jipprotegi l-prinċipji basiċi tax-xogħol, tar-regoli li johorgu mill-International Labour Organisation, li qiegħda hemm mhux biex kull sena mmorru safra għall-laqgħa tal-ILO.

»Rilevanza għandha s-sentenza tal-*Grand Chamber* Sørensen and Rasmussen *v.* Denmark - 11.1.2006. Hawn qed tiġi riprodotta l-*legal summary* li jkun ippreparat mir-reġistru tal-qorti ewropea:

> »"Facts: The first applicant was offered a short-term job as a holiday-relief worker, one of the conditions of employment being that he become a member of a trade union, SID. On receiving his first pay slip, he realised that he was paying a subscription to that union, although he had applied for membership of a different union. He informed his employer that he did not want to pay the subscription to SID and as a result he was dismissed for not satisfying the requirements for obtaining the job. The second applicant was offered a job as a gardener on the condition that he become a member of SID, with which the employer had entered into a closed shop agreement. The applicant, who had been unemployed, joined SID so that he could take up the job, although he did not agree with the union's political views.
>
> »"Law: Article 11 – Freedom of association encompasses a negative right of association, which is a right not to be forced to join an association. An individual could not be considered to have renounced his negative right where, in the knowledge that trade union membership was a precondition of employment, he had accepted an offer of employment notwithstanding his opposition to that condition. Thus, a distinction between pre-entry and post-entry closed shop agreements was not tenable. Moreover, while the essential object of Article 11 is to protect the individual against arbitrary interference by public authorities with exercise of the rights protected, the authorities may in certain circumstances be obliged to intervene in the relationship between private individuals by taking reasonable and appropriate measures to secure the effective enjoyment of those rights. Consequently, the State's responsibility will be engaged if it fails to secure the negative right of association under domestic law. In that respect, whether the State has a positive or a negative obligation, the applicable principles are similar: a fair balance must be struck between the competing interests of the individual and of the community. In the area of trade union freedom, the State enjoys a wide margin of appreciation but that margin is reduced considerably if the domestic law permits closed shop agreements which run counter to the individual's freedom of choice. In that connection, particular weight must be attached to the justifications advanced by the authorities and account must be taken of changing perceptions of the relevance of closed shop agreements.
>
> »"In the case at issue, the fact that the applicants had accepted membership of the union as a condition of employment did not significantly alter the element of compulsion inherent in having to join a trade union against their will. Although it was not in dispute

> that the first applicant could have found similar employment with an employer who had not entered into a closed shop agreement, he was nevertheless dismissed without notice as a direct result of his refusal to comply with the requirement to join SID, a requirement which had no connection with his ability to perform the job. In the Court's opinion, such a consequence could be considered serious and capable of striking at the very substance of the freedom of choice inherent in the negative right to freedom of association. As to the second applicant, it was speculative whether he could have found employment elsewhere but it was certain that if he had resigned his membership of SID he would have been dismissed without any possibility of reinstatement or compensation. The Court was therefore satisfied that he was individually and substantially affected by the application of the closed shop agreement to him. Both applicants were thus compelled to join SID and that compulsion struck at the very substance of their freedom of association. The Court considered that legislative attempts to eliminate the use of closed shop agreements in Denmark reflected the trend in Contracting States not to regard such agreements as an essential means of securing the interests of trade unions and to give due weight to the right of individuals to join a union of their choice, without fear of prejudice to their livelihood. These attempts were furthermore consistent with developments on the international level, notably pursuant to the European Social Charter. Taking all the circumstances into account, the Court found that the respondent State had failed to protect the applicants' negative right to trade union freedom.
>
> »"Conclusion: violation (twelve votes to five with regard to the first applicant and fifteen votes to two with regard to the second applicant)."

»Naturalment *mutatis mutandis.* Superviżjoni tal-istat hija obbligatorja fuq il-kundizzjonijiet tal-impjiegi. Il-qorti ewropea ma tqisx li l-organi tal-istat jaħslu idejhom bħal Pilatu. U min hu leġittimu kontradittur jekk mhux il-qasam *ad hoc*? U d-diskriminazzjoni tista' tieħu ħafna forom. Mhux biss jekk wieħed iżommx impjieg li jkollu. F'dan il-każ li għandna quddiemna, id-diskriminazjoni tinstab f'li għax l-esponenti kien jappartjeni għal *union* żgħira, ir-rappreżentanza tiegħu u privileġġi li joħorġu minn dik irrap-preżentanza kienu mnaqqsa drastikament.

»B. Dwar it-tieni talba

»L-ewwel qorti argumentat hekk:

> »"Permezz tat-tieni talba tiegħu ir-rikorrent isostni li bil-fatt li hu ma setax personalment jagħżel il-membru fuq il-bord allura ġie vjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Huwa ampjament evidenti li dan l-ilment ġà tqajjem fil-kawża bin-numru 433/12/1, ġie debitament kunsidrat minn dik il-qorti u ġie definitivament miċħud permezz ta' deċiżjoni li llum hija *res judicata* bejn ir-rikorrent u s-soċjetà intimata. Fil-fatt fid-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell dwar l-allegata leżjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq tar-rikorrent fl-ambitu tal-istess proċeduri dixxiplinari msemmija fil-każ odjern, ġie deċiż kif isegwi ..."

»Dan ir-ragunament hu żbaljat sewwa. Il-Qorti tal-Appell (Ċivili) ma għandhiex kompetenza li tiddeċiedi fuq drittijiet fondamentali. Jekk tqum xi kwestjoni quddiem xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dik il-

qorti trid tibgħatha quddiem il-Prim'Awla. Dan joħroġ mil-liġi suprema li hija l-Kostituzzjoni.

»Kien ikun hemm *res judicata* kieku ntwera li kien hemm sentenza minn organu ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Imqar jekk ikun tliet imħallfin fil-Qorti tal-Appell li joqgħodu fil-Qorti Kostituzzjonali, ma jikkostitwux qorti Kostituzzjonali".

»Il-qorti qalet ukoll li d-Direttur Ġenerali ma kellu x'jaqsam xejn mal-proċedura ta' dixxiplina. … … … [H]uwa l-qafas partikolari tal-proċedura tad-dixxiplina kif imfassla fil-*collective agreement* li kienet fil-mira tal-azzjoni.

»Stramba li l-qorti taċċetta li l-*Labour Office* huwa biss *filing cabinet tal-collective agreements*. Anke l-*Malta Business Registry* jieħu d-dokumenti ta' kumpanniji ecc. imma jiflihom, u, jekk ikun xi ħaġa li tkun kontra l-liġi, jibagħtu għal dak li jkun ħalli jsewwi l-iżball. … … …

»Terġa' ssir riferenza għal dan ii-bran mis-sentenza QEDB ta' <u>Sørensen u Rasmussen *v* Denmark</u>:

> »"Consequently, the State's responsibility will be engaged if it fails to secure the negative right of association under domestic law. In that respect, whether the State has a positive or a negative obligation, the applicable principles are similar: a fair balance must be struck between the competing interests of the individual and of the community. In the area of trade union freedom, the State enjoys a wide margin of appreciation but that margin is reduced considerably if the domestic law permits closed shop agreements which run counter to the individual's freedom of choice. In that connection, particular weight must be attached to the justifications advanced by the authorities and account must be taken of changing perceptions of the relevance of closed shop agreements."

»Fil-fatt klawsoli dwar ħatriet fil-*boards* tad-dixxiplina jammontaw għall-prattika ta' *closed shop*, u bi svantaġġ għall-minoranzi li ma jridux ikunu membri tal-*unions* maġġoritarji.

»L-artiklu 26(1)(*b*) tal-kap 452 jgħid:

> »[*sc.* **26.** (1) Ħadd ma jista']
>
> "(*b*) rigward impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, jas-soġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeċċija"

»Ma jidhirx li dan is-subartiklu huwa eskluż mill-għajnejn ta' seqer tad-Direttur Ġenerali meta jkun fl-ambitu tal-*collective agreement*. M'għandux iħalli lok għal diskriminazzjoni fil-metodu u l-applikazzjoni ta' tkeċċija.

»L-esponenti lmenta li kien hemm ksur tal-*fair hearing* għax l-*MIA* li kienet qed tressqu għal każ ta' dixxiplina fl-istess waqt kellha piż uniku fil-ħatra tal-membri tal-bord, u aktar u aktar fil-grad ta' appell. Il-*unions*, li hu ma kienx parti fihom, jiftiehmu mal-*MIA* fuq lista, imma mbagħad l-*MIA* tagħżel wieħed hi. Irriżulta li kien hemm konsulenti tal-istess *MIA* li ħadu sehem fil-proceduri fosthom Alfred Mallia Milanes fuq il-bprd u s-sur Degiovanni waħdu fl-appell.

»Għalhekk tajjeb li wieħed jiċċita parti tal-prinċipji fil-kawza <u>Grace Gatt *v.* Malta</u> tal-qorti ewropea, fejn jingħad:

»“74. In determining whether a body could be considered “independent” in particular, from the executive and the parties to the case, the Court has in previous cases had regard to such factors as the manner of appointment of the body’s members, the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence.

»“75. As a rule, impartiality denotes the absence of prejudice or bias. According to the Court’s settled case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to (i) a subjective test, where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge - that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and (ii) an objective test, that is to say, by ascertaining whether, quite apart from the personal conduct of any of its members, the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality.

»”76. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality, as the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to the tribunal’s impartiality from the point of view of the external observer (the objective test) but may also go to the issue of the judges’ personal conviction (the subjective test). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge’s subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee.

»77. In this respect, even appearances may be of a certain importance, or, in other words, “justice must not only be done, it must also be seen to be done”. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public.

»“78. Finally, the concepts of independence and objective impartiality are closely linked and, depending on the circumstances, may require joint examination.

»“79. According to the Court’s case-law, even where an adjudicatory body determining disputes over “civil rights and obligations” does not comply with Article 6 § 1 in some respect, no violation of the Convention can be found if the proceedings before that body are “subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of Article 6 § 1”.

»L-*MIA* fl-ajru.

»Kien hemm żewġ konvenuti. Id-Direttur Ġenerali u l-*MIA*. L-[*MIA*] mhix leġittimu kontradittur għax mhux leġittimu kontradditur id-Direttur Ġenerali? Forsi dan prinċipju li jokkori lill-ġuristi wara l-istesura tas-sentenzi.

»Tajjeb li wieħed jagħmel riferenza għall-*guidelines* dwar l-aċċess għall-qrati jew tribunali li jiddeċiedu drittijiet ċivili ta’ ċittadini, bħal ma hu impjieg. Hawnhekk jidher kemm ma kienx hemm osservanza tal-prinċipji bażiċi, u kien dover tad-Direttur Ġenerali li ma jippermettix li jħalli taparsi bi ftehim li jinkisru d-drittijiet tal-bniedem.

»… … …

»Imparzjalità u independenza tat-tribunali

»L-esponenti mhux biss sostna imma jibqa' jsostni fuq xi tfisser l-irnparzjalià u l-indipendenza tat-tribunal.

»Fil-kaz Grand Chamber Langborger *v.* Sweden il-qorti ewropea statwiet hekk:

»"A. "Independent and impartial" tribunal

»"30. In the applicant's submission, his claim for a fixed rent and no negotiation clause was not examined by an independent and impartial tribunal. His true opponents, he argued, were the landlords' association and tenants' organisation inasmuch as his proposal to delete the negotiation clause from the lease threatened the interests of both organisations since they derived their very existence from rent negotiations. As the lay assessors sitting on the Rent Review Board and the Housing and Tenancy Court were committed to the defence of those interests, they could not assess his claim with the necessary independence and impartiality.

»"This view was contested by the Government.

»"Like the Commission, the Court will limit its examination to the Housing and Tenancy Court. This body was the last national organ to determine both the questions of fact and the legal issues in dispute.

»"31. When it decided the applicant's case, the Housing and Tenancy Court was composed of two professional judges and two lay assessors nominated respectively by the Swedish Federation of Property Owners and the National Tenants' Union, and then appointed by the Government. The independence and impartiality of the professional judges are not at issue. It remains to consider the position of the two lay assessors.

»"32. In order to establish whether a body can be considered "independent", regard must be had, inter alia, to the manner of appointment of its members and their term of office, to the existence of guarantees against outside pressures and to the question whether the body presents an appearance of independence.

»"As to the question of impartiality, a distinction must be drawn between a subjective test, whereby it souġht to establish the personal conviction of a given judge in a given case, and an objective test, aimed at ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.

»"In this case it appears difficult to dissociate the question of impartiality from that of independence.

»"33. The proceedings instituted in the Housing and Tenancy Court concerned essentially the question whether the negotiation clause was to be retained and not how it was to be applied (the fixing of the rent payable by Mr Langborger).

»"34. Because of their specialised experience, the lay assessors, who sit on the Housing and Tenancy Court with professional judges, appear in principle to be extremely well qualified to participate in the adjudication of disputes between landlords and

> tenants and the specific questions which may arise in such disputes. This does not, however, exclude the possibility that their independence and impartiality may be open to doubt in a particular case.
>
> »“35. In the present case there is no reason to doubt the personal impartiality of the lay assessors in the absence of any proof.
>
> »“As regards their objective impartiality and the question whether they presented an appearance of independence, however, the Court notes that they had been nominated by, and had close links with, two associations which both had an interest in the continued existence of the negotiation clause. As the applicant sought the deletion from the lease of this clause, he could legitimately fear that the lay assessors had a common interest contrary to his own and therefore that the balance of interests, inherent in the Housing and Tenancy Court’s composition in other cases, was liable to be upset when the court came to decide his own claim.
>
> »“The fact that the Housing and Tenancy Court also included two professional judges, whose independence and impartiality are not in question, makes no difference in this respect.
>
> »“36. Accordingly, there has been a violation of Article 6 para. 1 (art. 6-1 ).”«

10. L-aggravju jibda bl-argument illi l-attur ġarrab ksur tal-jedd ta’ għaqda u assoċjazzjoni u ġarrab diskriminazzjoni għax fost il-*unions* illi innegozjaw il-ftehim kollettiv ma hemmx il-*union* li magħha huwa msieħeb hu, għax il-membri tal-bord ta’ dixxiplina u tal-bord tal-appelli jinħatru minn dawk il-*unions* u minn min iħaddem (il-konvenuta *MIA*), u għax il-*union* li magħha huwa msieħeb ma għandhiex *voce in capitolo* fil-ħatra tal membri ta’ dawk il-bordijiet.

11. Dan l-argument huwa mibni fuq il-premessa żbaljata illi l-membri tal-bord huma “rappreżentant tal-kumpannija u rappreżentant tal-*union*” u illi “allura huwa ma setax jaħtar rappreżentant tiegħu”.

12. Iżda l-membri tal-bord ma humiex “rappreżentanti” ta’ min jaħtarhom; dan ikun inkompatibbli mal-ħtieġa li l-bord ikun indipendenti. Id-dmir tal-membri tal-bord hu li jiġġudikaw il-każ quddiemhom b’imparzjalità u ma

jkunux soġġetti għal indħil minn parti jew minn oħra: il-membru maħtur mill-*unions* ma huwiex fuq il-bord biex iħares l-interessi tal-impjegat, daqskemm il-membru maħtur minn min iħaddem ma huwx fuq il-bord biex iħares l-interessi ta' min iħaddem. Jekk il-membri tal-bord effettivament imxewx b'mod imparzjali u indipendenti hija kwistjoni oħra li ma hijiex il-meritu tal-kawża tallum, iżda l-fatt illi l-attur u l-*union* li magħha huwa msieħeb ma għandhomx is-setgħa li jaħtru "rappreżentant" tiegħu fuq il-bord ma jfissirx li l-attur qiegħed jiġi mċaħħad mill-jedd ta' għaqda u assoċjazzjoni jew li qiegħed iġarrab diskriminazzjoni għax effettivament ħadd ma jaħtar "rappreżentant" fuq il-bord.

13. Il-każ ta' <u>Sørensen</u> ma għandux relevanza għall-każ tallum; li jkun membru ta' *union* li ma hijiex il-*union* tiegħu ma hijiex kondizzjoni biex l-attur jista' jżomm l-impieg tiegħu; ma huwiex mċaħħad mill-jedd li jissieħeb f'*union* tal-għażla tiegħu u lanqas ma huwa mġiegħel jissieħeb f'*union* li ma jridx jissieħeb magħha.

14. L-attur igħid ukoll illi l-ewwel qorti ma jellhiex tilqa' l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* għax ir-*res* kienet *iudicata* minn qorti li ma kellhiex il-kompetenza li tiddeċiedi dwarha: "il-Qorti tal-Appell (Ċivili) ma għandhiex kompetenza li tiddeċiedi fuq drittijiet fondamentali. Jekk tqum xi kwestjoni quddiem xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dik il-qorti trid tibgħatha quddiem il-Prim'Awla".

15. Iżda l-kwistjoni jekk l-attur kellux smigħ xieraq kienet tqanqlet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li osservat illi:

> »… … … li qiegħed jiġi effettivament indirizzat f'dan l-ambitu huma l-elementi veri tal-proċess xieraq u kif dan ġie sussegwentement sanċit u approfondit kemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem li hi wkoll, bi dritt, parti mill-ligi lokali.«

16. Sar imbagħad appell mis-sentenza ta' Prim'Awla quddiem il-Qorti tal-Appell, kif irid il-*proviso* tal-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Id-deċiżjoni għalhekk ingħatat minn qorti kompetenti kif trid il-liġi, u l-argument li ma hemmx *res iudicata* għax is-sentenza ma ngħatax minn organu kompetenti huwa għalhekk ħażin.

17. Tassew illi issa l-attur qiegħed iressaq raġunijiet oħra għala jgħid illi ma ngħatax smigħ xieraq, *viz.* li ma setax jaħtar "rappreżentant" tiegħu fuq il-bord; madankollu, ma huwiex miftuħ għal parti li tegħleb eċċezzjoin ta' *res iudicata* billi dwar l-istess *res* tressaq premessi ġodda li setgħet ressqithom fl-ewwel kawża. Li ma kienx hekk, parti tkun tista' tressaq kawża wara oħra dwar l-istess *res* billi żżomm "*in riserva*" premessi li setgħet ressqet mill-bidunett bil-ħsieb li, jekk l-ewwel kawża ma tirnexxix, tkun tista' terġa' tattakka minn angolu ieħor.

18. Din il-parti tal-aggravju hija għalhekk miċħuda.

19. L-attur imbagħad jikkontesta d-deċiżjoni illi d-Direttur Ġenerali ma jweġibx għat-talbiet tiegħu.

20. Id-dmirijiet u setgħat tad-Direttur Ġenerali dwar ftehim kollettiv huma mfissra fl-art. 5(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijal ["Kap. 452"]:

> »(2) Meta l-kondizzjonijiet tal-impieg jiġu preskritti fi ftehim kollettiv, il-prinċipal jew il-prinċipali li jkunu parti fih għandhom, fi żmien ħmistax-il

ġurnata minn meta jiġi ffirmat dak il-ftehim, jibgħatu lid-Direttur kopja tiegħu awtentikata kif imiss.«

21. Il-liġi hija ċara: id-Direttur Ġenerali ma għandux is-setgħa li japprova jew ma japprovax ftehim kollettiv depożitat għandu. Jekk, kif irid l-attur, id-Direttur Ġenerali jieħu fuqu dik is-setgħa jkun qiegħed jieħu setgħa li l-liġi ma tagħtihx u għalhekk bi ksur tal-liġi.

22. Din il-parti tal-aggravju wkoll hija għalhekk miċħuda.

23. Is-silta minn <u>Sørensen</u> ċitata mill-attur hija dwar l-obbligu pożitiv tal-istat li jara li jitħarsu d-drittijiet fondamentali, u mhux biss l-obbligu negativ li ma jiksirhomx. Dan huwa minnu, u ma huwiex eskluż li jista' jkun hemm obbligu fuq l-istat li jintervjeni biex ma jingħatax effett lil ftehim kollettiv li jikser il-jedd ta' għaqda u assoċjazzjoni u li jagħmel diskriminazzjoni, iżda rajna fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel parti tal-aggravju illi ma huwiex minnu illi "klawsoli dwar ħatriet fil-*boards* tad-dixxiplina jammontaw għall-prattika ta' *closed shop*, u bi svantaġġ għall-minoranzi li ma jridux ikunu membri tal-*unions* maġġoritarji" u lanqas ma huwa minnu illi l-ftehim kollettiv qiegħed jassoġġetta lill-attur għal trattament diskriminatorju .

24. Din il-parti tal-aggravju hija għalhekk miċħuda.

25. L-attur imbagħad jerġa' lura – b'mod mhux għalkollox linejari – għall-argument dwar il-mod tal-ħatra tal-membri tal-bord, u dwar is-setgħa ta' *MIA* li tagħżel iċ-*chairman* minn fost dawk fuq lista miftiehma bejnha u l-*unions.* Effettivament din il-parti tal-aggravju tintlaqat bl-eċċezzjoni ta' *res iudicata*. Barra minn hekk, ġà rajna illi l-membri u *chairman* hekk maħtura ma jsirux b'hekk rappreżentanti ta' min ħatarhom, u jibqgħu marbuta bl-

obbligu li jħarsu l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom. Għalkemm is-silta minn Langborger *v*. Sweden tidher li saħħaħ l-argument tal-attur, fil-fatt iċ-ċirkostanzi tal-każ huma differenti minn dawk tallum għax fil-każ ta' Langborger l-entitajiet li ħatru lill-ġudikanti kellhom interess dirett fl-eżitu tal-każ partikolari, li ma huwiex il-każ illum.

26. F'kull każ, rajna illi l-kwistjoni ta' smigħ xieraq, għallinqas sa fejn tolqot lil *MIA* – li, effettivament, hija l-parti interessata ladarba d-Direttur Ġenerali ma kienx parti fil-proċeduri ta' dixxiplina – tintlaqat bl-eċċezzjoni ta' *res iudicata*.

27. L-attur iressaq ukoll aggravju x'aktarx enigmatiku dwar "*MIA* fl-ajru" u jekk il-leġittimazzjoni passiva ta' *MIA* hijiex "prinċipju li jokkorri lill-ġuristi wara l-istesura tas-sentenzi". Din mhix espressjoni mill-aktar luċida ta' argument legali iżda bil-mistoqsija tal-attur jekk "L-[*MIA*] mhix leġittimu kontradittur għax mhux leġittimu kontradditur id-Direttur Ġenerali?" il-qorti tifhem illi l-attur qiegħed jipprova jgħid illi l-fatt illi d-Direrttur Ġenerali effettivament tqies li ma huwiex kontradittur leġittimu għax ma huwiex hu li jwieġeb għat-talbiet tal-attur ma jfissirx illi *MIA* ukoll ma titqiesx kontradittur leġittimu, għax it-talbiet huma diretti kontrieha.

28. L-ewwel qorti warrbet dan l-argument billi sabet illi huwa l-istat li jwieġeb għal ksur tal-drittijiet imħarsa taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni; madankollu iddeċidiet illi "tqis li s-soċjetà intimata hija leġittimu kontra-dittur biss u limitatament f'dan is-sens *stante* li, f'każ li l-lanjanzi tar-rikorrenti jiġu milqugħa kollha jew *in parte*, parti mir-rimedju mitlub jinvolvi azzjonijet da parti tal-istess soċjetà intimata. Huwa biss f'dan is-sens li din

il-qorti tqis li s-soċjetà intimata hija leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u ser tgħaddi sabiex tiċħad din l-eċċezzjoni iżda b'din il-limitazzjoni".

29. Dan ma huwiex għalkollox korrett; jekk *MIA* tintlaqat bir-rimedju li jista' jingħata mela għandha interess tikkontesta l-premessa għall-ħtieġa għal dak ir-rimedju, *viz.* is-sejbien ta' ksur tal-jeddijiet tal-attur.

30. Barra minn hekk, ma huwiex daqshekk assolut l-argument illi huwa biss l-istat li jwieġeb għal ksur ta' drittijiet fundamentali, għallinqas quddiem qrati domestiċi. Dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' *drittwirkung* ara Carmelo Buttigieg *versus* Albert Mizzi *nomine*[2] u Costantino Consiglio *et v.* Joseph N. Tabone *noe*[3]. L-argument essenzjalment huwa illi d-drittijiet fundamentali, li huma l-*minimum* inderogabbli ta' drittijiet ta' kull persuna, għandhom, minħabba fin-natura fundamentali tagħhom, ikunu mħarsa kontra kull vjolazzjoni, ġejja mnejn ġejja. Huwa minnu illi fil-prattika spiss jiġri li ksur ta' dritt fundamentali minn individwu jkun ukoll ksur ta' liġi ordinarja – qtil minn individwu jkun ksur tad-dritt għall-ħajja mħares mill-art. 33 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll reat taħt il-liġi penali u delitt ċivili – u għalhekk ir-rimedju kontra l-ksur ta' xi drittijiet fundamentali minn persuni privati spiss jinstab ukoll taħt il-liġi ordinarja, u ma jkunx meħtieġ li tkun invokata l-Kostituzzjoni; anzi, il-Kostituzzjoni stess, fl-art. 46(2), dan ma tridux. Dan ma jfissirx, iżda, li ma għandu jkun hemm ebda rimedju kontra ksur minn privati ta' dritt fundamentali li huwa mħares biss taħt il-

[2] Kost. 9 ta' Ottubru 1989, Vol. LXXIII.I.119;

[3] P.A. (Kost.) 21 ta' Ġunju 1996

Kostituzzjoni. Konklużjoni li ksur ta' dritt fundamentali jista' jibqa' bla rimedju hija konklużjoni diffiċli li tiġġustifikaha.

31. Fil-każ tallum dan l-argument huwa x'aktarx akkademiku ladarba ma nstab ebda ksur tad-dritijiet fundamentali tal-attur, iżda s-sentenza safejn laqgħet, għalkemm biss f'parti, l-eċċezzjoni li *MIA* ma hijiex kontradittur leġittimu, għandha tiġi riformata.

32. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn laqgħet f'parti l-eċċezzjoni li *Malta International Airport p.l.c.* ma hijiex kontradittur leġittimu, u, minflok, tiċħad dik l-eċċezzjoni; tikkonferma s-sentenza fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti u ċaħdet it-talbiet tal-attur.

33. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu hekk: l-ispejjeż tad-Direttur Ġenerali għall-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali jħallashom l-attur; l-ispejjeż l-oħra jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) tħallsu *Malta International Airport p.l.c.* u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da